MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 491/2003

**GasanMamo Insurance Limited (C. Reg. No: C 3143) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Emanuel Psaila sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Emanuel Psaila**

**vs**

**Steven Vella**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u hamsin lira Maltin u zewg centezmi (Lm1,550.02), rapprezentanti hlas ta' danni kkagunati mill-konvenut f'incident awtomobilistiku li sehh fil-11 ta' April, 2002, fi Triq Wied il-Ghajn, Zabbar, bejn il-vettura IAZ 294 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru BAG 496 misjuqa minn u proprjeta' ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici, liema ncident gara unikament tort tal-

konvenut, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-trattiku da parti tieghu.

L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) 'excess' imhallsa mill-attur Emanuel Psaila, li kien assikurat taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici, kif ukoll sitta u tmenin lira Maltin (Lm86.00) bhala 'loss of use'.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Frar, 2003, kontra l-konvenut, ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax mit-3 ta' Frar, 2003, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------